# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 48/2022**

Data: L-Erbgħa 16 ta' Marzu, 2022

Ħin: 18:05hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli – Sindku |
| | Sur Charles Bonello – Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara – Kunsillier |
| | Dr Ryan Ellul – Kunsillier |
| | Sna Toshera Schembri - Kunsilliera |
| | Sur Mario Fava – Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti - Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo – Kunsillier |
| Skużati: | Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku |
| | Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## AĠENDA

**48.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**48.2 MINUTI**

**48.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**48.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**48.5 ĦLASIJIET**

48.6 FINANZI

48.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

48.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

48.9 KORRISPONDENZA

48.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

48.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

48.12 TRAFFIC MANAGEMENT

48.13 STAFF

48.14 MOZZJONIJIET

48.15 PLANNING AUTHORITY

48.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

48.17 MISTOQSIJIET

48.18 AĠĠORNAMENT

Il-Kuns. M Lombardo staqsa għalfejn il-laqgħa bdiet tard u għalfejn il-bieb tal-foyer kien imsakkar. Is-Sindku wieġeb lill-Kuns M Lombardo li l-laqgħa bdiet tard u kif ukoll il-bieb kien magħluq għax il-membri tal-interviewing board kienu qed jagħlqu r-rapport tal-intervisti li saru għall-iSkrivan/a fi Skala 15 qabel kienet se tibda l-laqgħa.

## 48.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**48.1.1** Kien hemm talba waħda ta' apoloġija.

Il-Viċi Sindku C Portelli Cascun li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

Il-membri tal-kamra approvaw din it-talba ta' apoloġija

## 48.2 MINUTI

**46.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6091/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 46/2022 bid-data tas-16 ta' Frar, 2022".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6092/22/8** "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa b'urgenza 47/2022 bid-data tal-4 ta' Marzu, 2022"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**48.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 48.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**48.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6093/22/8** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Marzu 2022 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.5 ĦLASIJIET

**48.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6094/22/8** "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 10/2/2022 sad-9/03/2022". (Ara DOK 'B' anness).

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.6 FINANZI

**48.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6095/22/8** "Sabiex jiġi approvat 4th Quarterly Report għas-sena 2021 skont kif inhu anness"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6096/22/8** "Sabiex jiġi approvat ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2021 skont kif inhu anness"

Kuns C Bonello staqsa jekk ir-Rapport ta' ħidma tiegħu kienx jinsab anness peress li ntbagħat tard u s-Sindku kkonferma fl-affermattiv u ġibed l-attenzjoni li Kuns M Fava, Kuns A Tanti kif ukoll Kuns R Ellul għadhom ma bgħatuhx

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**48.7.1** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6097/22/8** "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali japplika għall-iskema ta' restawr bir-referenza SPI.SCI.3.2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**48.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 48.9 KORRISPONDENZA

**48.9.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6098/22/8** 'Sabiex isir agreement mas-Sur Adrian Burnell, sid il-vending machine li tpoġġiet fi Pjazza Patri Redent Gauci skont l-agreement preċedenti, fejn tali agreement għandu jsir għal sentejn u jista' jiġi mġedded b'sena'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.9.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6099/22/8** 'Sabiex l-agreement li sar mas-Sur Albano Grima rigward iżżamma u l-ftuħ u l-għeluq tal-lattrina

Pubblika fi Pjazza Patri Redent Gauci jiġi mġedded mill-1 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Lulju 2023. Iżda wara li s-Sur Grima ġie avviċinat biex jikkonferma li għadu nteressat f'din il-materja, s-Sur Grima talab li biex jibqa' jieħu ħsieb l-indafa, l-ftuħ u l-għeluq tal-lattrina qed jitlob lill-Kunsill jikkunsidra l-ħlas ta' €410 fix-xahar minflok dak ta' €300'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.9.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6100/22/8** 'Sabiex tinħareġ kwotazzjoni għal 'Supply of Multifunction Printer including maintenance agreement ' għal perjodu ta' 3 snin li tista' tiġġedded b'sena'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.9.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6101/22/8** 'Sabiex jinħareġ tender 'Tender for the professional services of an architect ' għal perjodu ta' 4 snin li jiġġedded għal sena'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.9.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref : **6102/22/8** 'Sabiex isir reklam fil-ktejjeb tal-Ġimgħa Mqaddsa maħruġ mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura għall-prezz ta' €100. Ir-reklam għandu jkun stampa tal-iskeda tal-ġbir ta' skart'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 48.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**48.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sinjura Miriam Schembri li hija *Senior Manager tar-Reading for Pleasure Programmes* fejn din qed titlob lill-Kunsill biex tkun tista' tuża s-sala tal-Kunsill biex tkun tista' ttellgħa programm ta' qari għat-tfal ta' bejn l- 4 u 6 snin. Apparti hekk, is-Sindku nforma wkoll li ġie avviċinat minn ġenituri li wrew ix-xewqa biex il-Kunsill jibda joffri servizz ta' tagħlim permezz ta' għalliema professjonali biex dawk it-tfal li jkollhom problema fil-

homework, din l-istess għalliema tkun tista' tgħinhom. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6103/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jieħu sehem fejn inkomplu ngħallmu t-tfal tagħna ġewwa l-Kunsill Lokali, għalhekk għandu jibda l-proċess biex jibda it-tagħlim fil-Kunsill u għandu jibda l-proċess biex jibda tgħallim kull nhar ta' Sibt lil dawk it-tfal li jsibu diffikulta' biex jagħmlu l-homework waħidhom"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li ċ-ċertifikazzjoni tar-rubber flooring kif ukoll tal-*equipment* tal-bandli din is-sena kienu se jiskadu u għalhekk il-Kunsill għandu jqabbad Enġinier biex jiċċertifika kemm ir-rubber flooring kif ukoll l-*equipment*. Dwar dan Kuns C Bonello ssuġġerixxa li għandu jitqabbad Enġinier li ma għandux konnessjoni mal-kumpanija li poġġiet il-floor rubbering. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6104/22/8** "Fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tar-rubber flooring li se jiskadi fl-1 ta' April 2022 għandu jitqabbad Enġinier sabiex jiċċertifika r-rubber flooring kif ukoll kif jiskadi ċ-ċertifikazzjoni tal-*equipment* tal-bandli li se jiskadi fis-26 ta' Diċembru 2022 jitqabbad ukoll Enġinier"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6105/22/8** "Sabiex jinxtara laptop icore5 SSD biex jintuża biss għas-sistema ta' CCTV Cameras għall-prezz ta' mhux iżjed minn €1,700"

Il-Kuns C Bonello staqsa fejn se jkun qed jitpoġġa dan il-laptop u s-Sindku wieġeb li se jkun qed jitħalla fl-uffiċċini tal-Kunsill fejn se jkun qed jiġi mmaniġġjat mill-impjegati tal-Kunsill.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6106/22/8** "Sabiex issir applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq il-Foss".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6107/22/8** “Sabiex il-Kunsill japplika għal 3 phase biex tkun tista' tixgħel ir-roundabout fi Triq Ħompesch viċin l-HSBC”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.6** Is-Sindku ressaq mozzjoni **6108/22/8** “Dan il-Kunsill għandu jilqa' t-talba ta' dawn l-istudenti biex jagħmlu 20 siegħa xogħol volontarju bħala parti mill-istudji tagħhom. L-ismijiet ta' dawn l-istudenti jinsabu annessi ma' din il-mozzjoni”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.7** ls-Sindku ressaq mozzjoni **ref: 6109/22/8** “Sabiex il-Bank of Valletta Secure Key tal-Kunsill iddur fuq is-Sna Ritianne Bonnici temporanjament sakemm jiġi magħżul Segretarju Eżekuttiv ġdid”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**48.10.8** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6110/22/8** “Sabiex jiġu mixtrija l-kotba li jinsabu fil-lista mehmuża għal-librerija Pubblika tal-Fgura. L-ammont totali tal-kotba jammonta għal €141.00”

Il-Kuns M Lombardo talab lis-Sindku biex jara l-lista tal-kotba li se jkunu qed jinxtraw. Is-Sindku għadda l-lista lill-Kuns M Lombardo u dan qabel max-xiri tal-kotba mniżżlin fil-lista.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.9** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6111/22/8** “Sabiex dan il-Kunsill jixtri 120 flixkun tal-ilma għad-dispenser għall-prezz ta' €465 sabiex kull flixkun jiġi jswa lill-Kunsill €3.88 minflok €4.50”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.10** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva proposta mingħand is-Sinjura Vanessa Lupi mill-Kumpanija Frank Salt Real Estate biex dawn jieħdu ħsieb tisbieħ ta' żona pubblika kif ukoll manutenzjoni tal-istess żona u l-Kunsill ikun dispost li jagħmlilhom riklam. Is-Sindku ssuġġerixxa li din iż-żona tkun il-parti ta' *central strip* ta' quddiem il-kumpless Gallerija. Il-Kuns C Bonello saħaq li dik iż-żona hija fir-responsabbilta' tal-kuntrattur tas-Soft Areas biex jieħu ħsiebha u li ma jistax ikun li x-xogħol tal-kuntrattur jibqa' jsir minn terzi persuni u l-kuntrattur jibqa' jitħallas l-ammont fit-total assolut. Is-Sindku spjega li l-ewwel interess tiegħu hu ta' kif jista' dejjem itejjeb l-ambjent u li f'dan il-każ dik iż-żona ta' quddiem il-Kumpless. Is-Sindku kompla billi qal li se jkun qed isir meeting mas-Sinjura Vanessa Lupi fejn se tiġi diskussa l-proposta tagħha kif ukoll il-proposta tal-Kunsill u il-membri tal-kamra se jinżammu aġġornati bl-eżitu ta' din il-laqgha. Wara diskussjonijiet li saru f'dan ir-rigward kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-Sinjura Vanessa Lupi u l-membri jiġu nformati b'dak kollu li jiġi diskuss. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6112/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jilqa' dil-proposta fejn se tiġi rranġata *central strip* ta' quddiem il-Gallerija. Għalhekk għandha ssir laqgħa mas-Sinjura Vanessa Lupi biex naraw il-possibilita' ta' din l-area"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.11** Is-Sindku fakkar lill-membri tal-kamra li nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2022, propjament fil-ġurnata tal-votazzjoni għall-Elezzjoni Ġenerali l-uffiċċini għandhom jinżammu magħluqa u għaldaqstant ħadd ma għandu jidħol fl-Uffiċċini tal-Kunsill.

**48.10.12** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li fix-xahar ta' Marzu saret laqgħa dwar il-proġett '*Slow Streets'* fejn bażikament saru ħafna diskussjonijiet fejn jidħlu żoni li fihom se jkun qed jintużaw ir-roti u anke dawk iż-żoni pedonali, iżda għad ma hemm xejn konkluż. Informa lill-membri tal-kamra li nhar il-Ġimgħa 18 ta' Marzu se ssir laqgħa oħra ta' '*Slow Streets'*.

Kompla billi qal li kif appena l-Kunsill ikollu l-pjanta ta' kif se tkun imqassma ż-żona, se jkun qed iressaqha għall-attenzjoni tal-membri tal-kamra sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-veduti tagħhom. Is-Sindku persważ li kif il-proġett ikun magħluq se jigwadanjaw ir-residenti tal-Fgura.

Il-Kuns M Lombardo staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta dwar Triq Nazzareno Farrugia fejn kienet se ssir żona ta' tisbieħ kif ukoll żona għar-roti. Dwar dan is-Sindku staqsa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, fejn dan tal-aħħar ikkonferma li l-applikazzjoni kienet ġiet irrifjutata lura f'Novembru tas-sena 2021. Dwar din il-materja għandha tintbagħat kopja tal-ittra li l-Kunsill irċieva, lill-membri kollha tal-kamra peress li qatt ma ġew infurmati dwar dan.

**48.10.13** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra dwar il-laqgħa li saret rigward l-istruttura tal-impjegati tal-kunsill u li wahda mill-kawża ta' *deficit* li l-Kunsill jinsab fiha hija l-ammont ta' pagi. Is-Sindku qal li jaqbel fl-assolut mal-proposta iżda jekk il-Kunsill se jkun qed jimplimenta l-istruttura ssuġġerieta mill-Kuns M Fava, s-sena d-dieħla dan il-Kunsill se jerġgħa jkollu iżjed *deficit*.

Il-Kuns C Bonello staqsa dwar il-ħsieb tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-istruttura proposta. Jemmen li l-impjegati speċjalment min ilu żmien twil impjegat mal-Kunsill Lokali tal-Fgura għandhom jagħtu l-*punto di vista* tagħhom dwar din il-materja.

Għal dan il-Kuns M Fava qal li kien hemm qbil mill-membri tal-kamra li kif kien qed jiġi mmaniġġjat il-Kunsill kien falliment u fil-Kunsill hemm bżonn ta' bidla fl-istruttura. Kompla billi qal li sta' għall-membri tal-Kunsill li jiddeċiedu x'tip ta' struttura jridu li tiġi mplimentata u l-impjegati għandhom jeżiġu l-istruzzjonijiet mgħotija mill-Kunsill.

Il-Kuns C Bonello spjega li bl-ebda mod ma ried jinftiehem li ma jiddeċidux l-membri tal-Kunsill iżda sostna li għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-impjegati. Dwar dan il-Kuns M Fava qabel mal-Kuns C Bonello.

Wara d-diskussjoni ġie maqbul li għandha tinħareġ sejħa għal Assistent Principal Skala 11 u Uffiċjal Eżekuttiv Skala 13 filwaqt li jiġu rtirati ż-żewġ sejħiet għall-iskrivani fi Skala 15.

Għaldaqstant Kuns M Fava ressaq mozzjoni **ref: 6113/22/8** "Il-Kunsill jirrisolvi li joħroġ sejħa għal żewġ impjegati ġodda: waħda skala 13 u waħda skala 11 li għandhom joħorġu nternament, jobplus u pubbliku f'din l-ordni. Fid-dawl ta' dan tiġi mwaqqfa s-sejħa għal skala 15"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.14** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **6114/22/8** "Sabiex jinxtraw tokens għall-persuni li se nkunu qed nagħmlu żjara għandhom waqt il-ħarġa ta' Għawdex li se ssir fl-10 ta' April 2022. Għal spiża ta' mhux iżjed minn 400 Euro"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.15** Il-Kuns A Tanti ressaq mozzjoni ref: **6115/22/8** "Mozzjoni sabiex fi Triq AM Valperga jitwaħħlu żewġ sinjali li jindikaw preżenza ta' qtates u *hedgehogs* fl-inħawi. Dan minħabba li riċentament instabu *hedgehogs* mejta fit-triq u qtates feruti"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.10.16** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li rċieva korrispondenza mingħand Kuns A Tanti rigward il-każ 009/21 fejn ftit tax-xhur ilu Kuns A Tanti kellu diżgwiet ma' persuna u din tal-aħħar ressqet dan il-każ quddiem il-Bord tal-Governanza. Hawn hekk is-Sindku ta spjega dwar il-każ u spjega li l-Kunsill ġie nvolut mhux bħala akkużat iżda kkupjat biss biex isegwi l-każ fuq il-kunsillier. Is-Sindku ndirizza lill-Kuns A Tanti u saħaq li l-Kunsill qatt u bl-ebda mod ma kien naqas fil-konfront tal-istess Kuns A Tanti. Kompla billi qal li l-Kunsill qatt ma ġie mitlub biex jagħti l-kummenti tiegħu. Is-Sindku staqsa lil-Kuns A. Tanti x'qed jistenna mingħand il-Kunsill. Il-Kuns A Tanti wera x-xewqa li l-Kunsill jibgħat it-tfakkiriet biex il-Bord tal-Governanza tirrispondi għall-imejls tal-Kuns A Tanti.

Kuns C Bonello spjega li l-Kunsill ipoġġi l-evidenzi u l-affarijiet għad-dispożizzjoni tal-kunsillier li jkun jinsab akkużat iżda n-norma hi li l-Kunsill ma jidħolx fil-każ.

Kuns M Fava ssuġġerixxa li jekk jaqbel Kuns A Tanti jikteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar dan il-każ u l-Assoċjazzjoni tkun tista' tikteb lill-Bord tal-Governanza fejn jinkiteb li Kuns A Tanti avviċina lill-Assoċjazzjoni wara li dan tal-aħħar ilu jibgħat imejls u ħadd qatt ma wieġbu.

## 48.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**48.11.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li daħal rapport fuq l-istat li tinsab il-bankina fi Triq il-Ġiżimina u għaldaqstant ressaq mozzjoni ref: **6116/22/8** "Sabiex issir mill-ġdid bankina fi Triq il-Ġiżimina wara diversi rapporti li din il-bankina tinsab fi stat diżastruż"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.11.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba għal tpoġġija ta' *tower crane* fi Triq il-Gardjola. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li dik il-parti għandu jdur it-*traffic management* biex issir dħul minn Triq William Lassell u ħruġ minn Triq Pawlu Micallef u Triq il-Gardjola tiġi dħul għal Triq Pawlu Micallef. Il-Kuns C Bonello ssuġġerixxa li Triq Pawlu Micallef tiġi direzzjoni titla 'l fuq u tinżel minn Triq William Lassell. Fil-fehma tiegħu Triq William Lassell hija triq wieqfa u għalhekk il-vetturi tilgħin minnha se jkun hemm ħafna *exhaust* fit-triq meta Triq Pawlu Boffa għalkemm hija telgħa minn tarf sa ieħor il-pjanura qegħda ħafna aħjar. Triq William Lassell qegħda f'nofs żewġ toroq oħra. Kompla billi qal li dawk li jgħaddu minn Triq Pawlu Micallef u Triq Romano Carapecchia jiġu nżul 'l isfel biss.

Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6117/22/8** "Dan il-Kunsill għandu japprova permess ta' *Tower crane* temporanju fi Triq il-Gardjola. Għalhekk għandha tintbagħat korrispondenza fejn tgħid li d-dħul għandu jkun minn Triq Pawlu Micallef u l-ħruġ għandu jkun minn Triq William Lassell. Il-parti ta' Triq il-Gardjola li ħerġin minn Triq Romano Carapecchia sa Triq William Lassel għandha tibqa' *two ways*. Għaldaqstant għandhom

isiru tabelli mal-madwar ħalli jiġu gwidati l-vetturi li jgħaddu minn dawn it-toroq kif ukoll permessi kollha li titlob il-liġi li dan għal spejjeż tal-kuntrattur"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 48.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**48.12.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kamra li l-Kunsill irċieva talba ndirizzata lill-Kuns R Ellul u għalhekk stieden lill-Kuns R Ellul sabiex jagħti spjega dwar din il-materja. Il-Kuns R Ellul spjega li dan ir-rapport kien diġa tressaq fuq il-mejda fil-laqgħa preċedenti u l-membri tal-kamra kienu ddeċidew li dwar ir-rapport għandu jiġi riferut għal *policies* li l-Kunsill addatta fir-rigward ta' ħsarat fuq vetturi fejn jidħlu ħofor. Għaldaqstant is-Sur Brandon Falzon permezz tal-avukat tiegħu Dr Joey Reno Vella qed jagħmlu talba lill-Kunsill biex iħallas l-ispiza ta' €100 għal ħsara fuq tyre tal-vettura tas-Sur Falzon kawża ta' ħofra fonda li kien hemm fi Vjal Kottoner. Għaldaqstant Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **6118/22/8** "Wara li l-Kunsill ra t-talba nkluż il-provi kollha miġjuba mis-Sur Brandon Falzon permezz tal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, dan il-Kunsill qiegħed jilqa' t-talba u ser iħallas is-somma ta' €100 kif mitlub. Dan il-pagament għandu jkun wieħed finali. Dan għandu jiġi mgħarraf ukoll lis-Sur Falzon"

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-Kuns T. Schembri ħarġet mill-kamra 19:31

**48.12.2** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li jinsab diżappuntat dwar l-ammont kbir ta' rikjesti li l-Kunsill permezz ta' Transport Malta qed jirċievi dwar *un/loading bays*. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6119/22/8** "Dan il-Kunsill ma jilqax it-talba ta' *un/loading bay* lil dawn il-ħwienet, Bismillah Cash & Carry li jinsab fi Triq Hompesch"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

48.12.3 Il-Kuns R Ellul nforma lill-membri tal-kamra li ġie avviċinat mis-Sur Kenneth Spiteri, sid ir-Razzett l-Antik jekk hux possibli li jsiru żewġ *parking bays* quddiem il-grada fi Triq Nazzareno Farrugia u li fuqhom jiġi ndikat il-ħin biex ma jipparkjawx vettura quddiem din il-grada. Il-Kuns C Bonello qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni iżda l-Kunsill għandu jiġi mgħarraf bil-miktub li se jkun qed isir ix-xogħol kuljum mhux meta jfettillu. F'dan l-istadju s-Sindku ma qabilx li din it-talba għadha tiġi approvata u għaldaqstant il-Kunsill għandu jżomm mal-pożizzjoni li ħa fil-laqgħa preċedenti li s-Sur Spiteri għandu jiġi jagħmel il-permessi meħtieġa kull darba li se jkun qed jaħdem.

## 46.13 STAFF

**46.13.1** Is-Sindku nforma li wara li fil-laqgħa 46 li saret l-Erbgħa 16 ta' Frar 2022 il-Kunsill żamm mad-deċiżjoni li kien ħa fil-laqgħa 44 li nżammet fit-12 ta' Jannar 2022 li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata *performance bonus* ta' 7%, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lill-Kunsill li l-persentaġġ mgħoti għandu jkun dak ta' 5% jew 10% biss. Is-Sindku sostna li waqt din il-laqgħa għandha tittieħed deċiżjoni fuq din il-materja skond kif istruwiet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-Kuns M Fava talab li l-laqgħa tiġi sospiża u s-Sindku qabel ma' din it-talba.

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-19:55hrs

Il-laqgħa tkompliet fis-20:24hrs.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6120/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jieħu l-passi neċessarji biex b'mod immedjat għandha tirritorna lura laptop li huwa propjeta' tal-Kunsill. B'dan il-laptop u data li hemm ġo fih, jekk ma jasalx il-Ġimgħa 18 ta' Marzu 2022 sal-16:45, dan il-Kunsill se jieħu passi ulterjuri u jiġu nfurmati l-awtoritajiet ikkonċernati. Il-Kunsill jirriserva wkoll jieħu passi ulterjuri f'każ li jkun hemm tħassir ta' data jew tbabbis, inkluż ħsarat fuq l-imsemmi laptop"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Wara li l-membri tal-kamra ddiskuttew il-materja tal-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6121/22/8** "Dan il-Kunsill għandu jżomm il-pożizzjoni tiegħu bħala 7% performance bonus

imma kif jidher fil-korrispondenza fejn għandha tingħata 5% jew 10% għalhekk dan il-Kunsill għandu jingħata 5%”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet b’erbgħa voti favur, żewġ voti kontra u astenzjoni waħda

**46.13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6122/22/8** “Dan il-Kusnill għandu jagħżel lil Shawn Aquilina biex jibda jaħdem bħala *Clerk* Skala 15 mal-Kunsill Lokali tal-Fgura. Fit-tieni post għandha tiġi Jade Spiteri u tielet post Ms. Ruth Azzopardi u r-raba' Sherlock Schembri. Il-Kunsill għandu japprova r-rapport anness”

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-laqgħa ġiet sospiża fis-20:32hrs

Il-laqgħa tkompliet fis-20:40hrs.

Il-Kuns M Fava ħareġ mill-kamra fid-20:40

## 48.14 MOZZJONIJIET

**48.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f’dan ir-rigward.

## 48.15 PLANNING AUTHORITY

**48.15.1** Is-Sindku nforma lill-memmbri tal-kamra li l-Kunsill irċieva applikazzjoni PC9/22 rigward *Building Alignment* għaż-żona tal-bitħa ta’ Vince Ironmongery Triq Hompesch kantuniera ma’ Triq is-Sur il-Fgura. Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li talab lill-Awtorita’ tal-Ippjanar li l-Kunsill għandu jinżamm aġġornat fuq dan is-suġġett. Is-Sindku ta spjega rigward is-*siteplan* li l-Kunsill irċieva. Il-Kuns C Bonello wera x-xewqa li jiġi rreġistrat mal-Awtorita’ tal-Ippjanar fuq din il-materja.

## 48.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**48.16.1** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6123/22/8** "Mozzjoni sabiex għall-attivita' 'Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka' ssir approvazzjoni ta' €5,000 oħra bħala finanzjament għal din l-attivita' "

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.16.2** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref **6124/22/8** "Mozzjoni sabiex issir approvazzjoni addizzjonali ta' €3,000 għall-attivita' tal-Karnival 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.16.3** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6125/22/8** "Mozzjoni sabiex tiġi allokata s-somma ta' €1,000 addizzjonali għat-tindif tax-xelter u twessiegħ tal-bokka tad-dħul"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**48.16.4** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **6126/22/8** "Mozzjoni sabiex 'Triq Titu Brandsma' tinbidel u tiġi taqra 'Triq San Titu Brandsma - Karmelitan Martri' u dan qed isir fid-dawl tal-kanonizzazzjoni li ser issir fil-15 ta' Mejju 2022"

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 48.17 MISTOQSIJIET

**48.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 48.18 AĠĠORNAMENT

# KUNSILL LOKALI FGURA

**48.18.1** Il-laqgħa tal-lokalita'ser tinżamm nhar l-Erbgħa 6 ta' April 2022 fis-6pm

48.18.2 Il-laqgħa ntemmet fit-20:58hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 13 ta' April, 2022 fis-18:00hrs.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Is-Sur Pierre Dalli<br>Sindku | Is-Sinjura Ritianne Bonnici<br>Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data: 16 ta' Marzu, 2022